MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 261/2008

Victor Spiteri bhala prokuratur u f'isem u ghan-nom ta' l-imsiefra Simone Fenech
vs
Alan Azzopardi
Mario Camilleri
Kevin Camilleri
Simon Felice

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Victor Spiteri li bih espona:

1. Illi l-esponenti qieghed jagixxi f'dawn il-proceduri gudizzjarji fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju generali ta' l-assenti Simone Fenech, u dana in forza ta' prokura generali annessa mar-rikors guramentat u immarkata Dok. EC1;

2. Illi Simone Fenech, inkarigat lill-intimati, Alan Azzopardi, Mario Camilleri, Kevin Camilleri u Simon Felice, sabiex, jesegwixxu xogholijiet fuq il-fond 14, Triq Dun Karm Scerri, Naxxar proprjeta` tar-rikorrenti;

3. Illi dawn ix-xogholijiet saru hazin, u mhux skond is-sengha u l-arti, u bi ksur ta’ l-obbligi kontrattwali ta’ appalt, u m’humiex ghas-sodisfazzjon tar-rikorrenti;

4. Illi *nonostante* li dawn ix-xogholijiet saru hazin u mhux skond is-sengha u l-arti, l-intimati ippretendew illi r-rikorrenti thallas xi bilanci dovuti mill-ammont kollu (Dok. EC2);

5. Illi, inoltre, in vista tal-fatt illi dawn ix-xogholijiet saru hazin, u ma sarux skond is-sengha u l-arti, ir-rikorrenti sofriet danni, peress li dawn ix-xogholijiet iridu jigu rimedjati ghas-spejjez tar-rikorrenti; u dan skond rapport peritali, anness mar-rikors guramentat u immarkat Dok. EC3, liema danni jeccedu ferm il-bilanc li qed jippretendu l-intimati;

5. Illi, in vista tal-pretensjonijiet ta’ l-intimati dwar xi bilanci mill-ammont kollu, l-intimati Alan Azzopardi, Mario Camilleri, Kevin Camilleri u Simon Felice, irregistraw, *ai termini* l-Artikolu 2010 tal-Kap. 16, tal-Ligijiet ta’ Malta, erba’ (4) privileggi specjali (Ittra immarkata Dok. EC4, kopji tal-privileggi annessi mar-rikors guramentat, immarkati Dok. EC5 sa Dok. EC8), fuq il-fond 14, Triq Dun Karm Scerri, Naxxar;

6. Illi in vista tas-suespost, m’hemm l-ebda bazi legali ghal xiex dawn il-Privileggi Specjali jibqghu jinzammu.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li x-xoghol maghmul mill-intimati Alan Azzopardi, Mario Camilleri, Kevin Camilleri u Simon Felice, sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti u dan bi ksur ta’ l-obbligi kontrattwali ta’ l-appalt;

2. Tiddikjara, lill-intimati Alan Azzopardi, Mario Camilleri, Kevin Camilleri u Simon Felice responsabbli ghad-danni kagunati fuq il-fond 14, Triq Dun Karm Scerri, in-Naxxar, proprjeta` ta’ Simone Fenech, u dan peress li x-xoghol li sar minnhom, sar hazin, u mhux skond is-sengha u l-arti;

3. Tillikwida dawn id-danni, bin-nomina ta’ Perit Arkitett;

4. Tiddikjara li, m’huwa dovut l-ebda bilanc, minghand ir-rikorrenti, lill-intimati Alan Azzopardi, Mario Camilleri, Kevin Camilleri u Simon Felice, peress li dan ix-xoghol sar hazin, u mhux skond is-sengha u l-arti;

5. Tikkundanna lill-intimati, Alan Azzopardi, Mario Camilleri, Kevin Camilleri u Simon Felice, ihallsu lir-rikorrenti dawn id-danni fl-ammont hekk likwidat;

6. Tordna l-kancellament totali tal-Privileggi Specjali, registrati mill-intimati Alan Azzopardi, Mario Camilleri, Kevin Camilleri u Simon Felice, fil-konfront ta’ Simone Fenech, fuq il-fond, 14, Triq Dun Karm Scerri, in-Naxxar;

Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimati li gew ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimati li biha eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok it-talba attrici hija intempestiva illi huma qatt ma gew notifikati, lanqas permezz ta’ ittra normali jew ittra legali dwar dawn l-allegat hsarat u danni. Kwindi huma l-atturi li ghandhom ibatu l-ispejjez ta’ din il-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors kif intavolat huwa improponibbli ghaliex giet

pprezentata kontra erbgha konvenuti kollegjalment, mentri fil-fatt kull appalt inghata separatament u kwidni ma tezisti ebda solidarjeta` bejn il-konvenuti u se mai kull konvenut kellu jirrispondi ghal kull allegat nuqqas (li hu michud) relattiv ghax-xoghol partikolari li ezegwixxa;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi d-danni allegatament sofferti mill-atturi ma jezistux. Sintomatiku hu l-fatt li dawn l-allegati danni u hsarat tqajmu mill-atturi wara kawza li l-konvenuti fethu ghall-hlas ta’ servizzi rezi minnhom lill-atturi. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma wkoll frivoli u vessatorji;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xogholijiet ezegwiti mill-intimati fil-fatt saru tajjeb, skond is-sengha u l-arti, u dan skond l-obbligi minnhom assunti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fir-rigward tat-tielet (3) talba attrici, ghad irid jintwera jekk l-allegat hsarat jew nuqqasijiet attribwiti lill-konvenuti jaqghux esklussivament taht il-kompetenza ta’ Perit Arkitett, kif ukoll jintwera jekk Perit Arkitett jistax jirrelata fuq xoghol kompletat meta l-istat originali tal-fond mhux maghruf;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghar-rigward ir-raba’ (4) talba ta’ l-atturi, din il-kwistjoni hija *sub judice* quddiem Qorti differenti u dan wara kawza li l-konvenuti fethu kontra l-atturi ghall-hlas dovut lilhom. F’kull kaz din it-talba hija legalment improponibbli peress illi talba ghad-danni, dejjem jekk milqugha, ma thassarx dejn naxxenti minn kuntratt. *Se mai* l-atturi messhom talbu l-applikazzjoni ta’ l-istitut tat-tpacija;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-sitt (6) talba attrici ma tikkoncernax likwidazzjoni u hlas ta’ danni izda hija talba ta’ kancellament ta’ privilegg. Illi dan il-privilegg huwa naxxenti *ope legis* min-natura tax-xoghol ezegwit mill-konvenuti u hlas lilhom dovut fuq l-appalt. Peress li *ai termini* tas-seba’ (7) eccezzjoni, qieghed jigi eccepiet illi l-ammont dovut lill-konvenut ma jistghax jigi

dikjarat inezistenti *sic et simplicitur*, is-seba' (7) talba wkoll hija legalment improponibbli kif ipprezentata mill-atturi;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-attici.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta' konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi r-rikorrenti ipproduciet id-dokument EC3 mahrug mill-Perit Carmen V. Sutton fejn gew elenkati 21 difett b'indikazzjoni ta' l-oggett, post, natura tad-difett u ritratt anness. Dawn jinsabu elenkati minn pagna 8 sa 21 tal-process. F'pagna 9 jinhad "l-imsemmija difetti u xoghol mehtieg biex dawn jigu rimedjati skond kif titlob is-sengha huma stmati ghall-valur ta' sittax-il elf u tlieta u sebghin Ewro €16,073/(Lm6,900)."

Xehdet Simone Fenech fejn semmiet li qabbdet lil Alan Azzopardi biex jiehu hsieb kemm l-elettriku u kif wkoll tikhil u tibjid fil-fond u mhux biss il-bini kif kienet qabbditu originarjament, kif ukoll il-madum u accetta. Semmiet li ltaqghu mal-*electrician* Simon Felice. Fir-rigward ta' tikhil u l-madum, spjegaw lil Alan ix-xoghol li riedu u anqas biss fil-fatt iltaqghu maghhom. Esebiet Dokument "SF1" a fol 41, b'deskrizzjoni ta' xogholijiet ta' l-elettriku, *tiling*, *plastering*, *beams sanding*, *clay pipes* u tindif ta' materjal fuq is-*site*. Sostniet li kienu jikkomunikaw biss ma' Alan Azzopardi, inkluz fl-okkazjoni meta t-*tiles* twahhlu hazin, u kull komunikazzjoni, telefonati u *emails* dejjem saru mieghu. Irreferiet ghall-hlasijiet, Dokumenti "SF2" u "SF3" a fol 47 u 48, li huma kollha intestati lil Alex Azzopardi, u li

kull hlas li sar dejjem sar lil Azzopardi.  Azzopardi kien ikun prezenti meta kellmet lill-haddiema.  Lill-kahhal anqas biss jafuh.

In kontro-ezami spjegat li kien Azzopardi li sab il-haddiema, u li tal-madum u l-kahhal ippreparaw *quotes* u tawhom lil Alan, waqt li fil-kaz ta’ l-*electrician* iltaqa’ l-gharus taghha Conrad mieghu, u dan ghamel *quote* u taha lil Alan.  Sostniet li l-kuntratt sar ma’ Alan Azzopardi. Ghalkemm fil-kuntratt hemm indikat *site supervision*, hu kien qalilhom kif ser isir ix-xoghol, u sab ukoll lill-haddiema.  Hi fehmet li Azzopardi kien qieghed jipprezentalhom il-progett.  Huma iffirmaw il-*quotes* li tahom Alan Azzopardi.  Semmiet li lil Azzopardi qalulu li ma’ haddiema ohra ma riedux ikollhom x’jaqsmu hlief mieghu, u hu qalilhom *all right*.  Sostniet li Alan Azzopardi kien tahom *complete project* bil-*break-down* tax-xogholijiet, ghax riedu jafu ta’ xiex qed ihallsu. Sostniet li ghalkemm kontijiet separati dawn finalment kienu jiffurmaw kont wiehed.

Xehed <u>Conrad Spiteri</u> u ikkonferma li tkellmu ma’ Alan Azzopardi rigward ix-xogholijiet u li kien tahom Dokument “SF1”, accettaw il-*quote* u nbeda x-xoghol.  Minbarra Azzopardi ltaqa’ biss mal-*electrician*, u lin-nies l-ohra anqas biss rahom.  Kienu jikkorrispondu biss mieghu kemm bil-kliem kif ukoll b’*emails*, inkluz metama qabilx mad-disinn tal-kamra tal-banju li gie irrangat sussegwentement.

In kontro-ezami qal li meta thares lejn id-dokumenti “SF1” u “AZ1”, hu veru li Azzopardi jidher inkarigat biss minn *site supervision*, izda li dawn id-dokumenti jridu jittiehdu fil-kuntest ta’ dokumenti ohra.  Sostna li hu ltaqa’ biss mal-*electrician* Simon Felice.  Ghalihom il-kuntrattur kien Azzopardi, u dan bazat fuq dak li qal Alan Azzopardi qabel l-iffirmar tal-kuntratt.  Hu dejjem fehem li l-hlas lill-kuntrattur tfisser lil Alan Azzopardi.

Xehed <u>Alan Azzopardi</u> li semma li x-xoghol kien maqsum fi tnejn fir-rigward tal-kostruzzjoni u fir-rigward tal-*finishing*. Semma li kienu talbuh biex isibilhom perit biex jiehu hsieb

is-*site commencement notice* plus perit li hu responsabbli ghall-kostruzzjoni. Iltaqghu mal-bennejja u xogholu kien biss *site supervision*. Talbiet ghall-pagamenti tal-bennejja kienu jghaddu minn idejh ghax dawn ma kellhomx access ghall-*internet* u r-rikorrenti kienet imsiefra. Sostna li l-kuntratti dwar kostruzzjoni u *finishing* kienu simili hafna, u hu kien *middle man*. Irrefera ghal Dokument ”AZ1”, kuntratt dwar il-kostruzzjoni li a fol 69 isemmi *estimated fee for site's supervision* fit-tielet linja tieghu. Irrefera wkoll ghal Dokument ”AZ2”, li wkoll isemmi l-kliem *fee for site's supervision*. Semma li fit-tieni kuntratt kien hemm tliet tipi ta' haddiema, cioe` kahhal, *electrician*, u dak li jqieghed il-madum li qabdduh huma. Sostna li l-klijenti kienu qabbduhom lill-haddiema. Sostna li mal-kahhal ma ltaqghux ghaliex il-bini kienu ghadu mhux lest. Semma li strettament hu ma kellux x'jaqsam mal-pagamenti tal-haddiema ghax huma kellhom ihallsuhom direttament. Hu irrefera ghall-i*standard terms and conditions*. Zied li kien jibghat il-kontijiet maqsumin skond il-haddiema, izda kienu johorgu cekk wiehed. Cahad li l-haddiema kienu dipendenti tieghu u hu kellu jithallas separatament persentagg fuq ix-xogholijiet.

Xehed Simon Felice u qal li l-ewwel darba li ltaqa' mar-rikorrenti fuq il-post tax-xoghol u bdew jaraw il-problemi u kif ghandu jsir ix-xoghol. Tahom il-*quote* li giet iffirmata minn Simone Fenech. Meta x-xoghol tlesta, hareg *invoice* u baghatha lill-klijent u iffirmata mill-klijent. Lil Alan Azzopardi jafu bhala *co-ordinator*.

Xehed Kevin Camilleri, *managing director* ta' Mediterranean Building Finishes, u jaghmlu xoghol ta' kisi u tibjid. Semma meta Alan Azzopardi talbu *quote*, u hu ikkwota lis-sid u mhux lil Alan. Ghalih Azzopardi kien jirrapprezenta lill-klijent, u l-kuntratt kien iffirmat ma' Ms. Fenech u jafu ghall-hlas lilha.

Xehed Mario Camilleri, *tile layer*, li qal li Alan Azzopardi kien qabbdu bicca xoghol u qallu li qed jirrapprezenta lis-sid. Kien ipprepara stima flimkien ma' Azzopardi li kitibhielu hu ghax ma jafx jikteb. Hu sostna li ntrabat mas-

sid u mhux ma’ Azzopardi. Semma li gieli ltaqa’ mar-rikorrenti.

In kontro-ezami qal li Azzopardi kien laqqghu mas-sid ftiehem mieghu, u in segwitu ftit iltaqghu aktar mas-sid, izda kienu jiftiehmu ma’ Azzopardi. Ma kien hemm ebda intopp. Semma li ma’ Simone Fenech u ma’ Conrad Azzopardi ltaqa’ darba wahda biss.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Din id-decizjoni tirrigwarda t-tieni eccezzjoni u dan a tenur tad-digriet interlokutorju tad-9 ta’ Gunju, 2008. Din l-eccezzjoni tghid:
“Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors kif intavolat huwa improponibbli ghaliex giet ipprezentata kontra erbgha konvenuti kollegjalment, mentri fil-fatt kull appalt inghata separatament u kwidni ma tezisti ebda solidarjeta` bejn il-konvenuti u se mai kull konvenut kellu jirrispondi ghal kull allegat nuqqas (li hu michud) relattiv ghax-xoghol partikolari li ezegwixxa.”

***<u>D1. Fatti fil-qosor:</u>***
Simone Fenech, ir-rikorrenti *proprio*, bhala sid tal-fond numru 14, Triq Dun Karm Scerri, Naxxar, inkarigat xogholijiet fil-fond 14, Triq Dun Karm Scerri, Naxxar. Filwaqt li l-intimati jsostnu li huma gew moghtija xoghol individwalment, u kwindi mhux kolleggjalment, tramite appalti separati (Mario Camilleri gie inkarigat bit-tqeghid tal-madum; Kevin Camilleri tqabbad bhala kahhal, u Simon Felice bhala *electrician*), u biex jissorvelja u jikkoordina dawn id-diversi appalti tqabbad l-intimat Alan Azzopardi, ir-rikorrenti ssostni li huwa għal kollox irrilevanti jekk fil-fatt Simone Fenech, kenitx ikkuntrattat separatament ma’ kull wieħed mill-intimati, għalkemm mill-provi jidher illi kien l-istess Alan Azzopardi li qabbad lit-tliet konvenuti l-oħra jagħmlu x-xogħlijiet ta’ tqegħdin ta’ madum, tikhil, u l-elettriku. Dawn it-tlieta sempliċiment ħarġu l-istimi tagħhom, li kienu aċċettabbli minn Simone Fenech, u Alan Azzopardi annetta magħhom il-parti tas-*site supervision* tiegħu flimkien mal-kundizzjonijiet kollha inkluż il-kalkolu tal-*fee* tax-xogħol tiegħu li kienet

persentaġġ fuq it-total ta’ kemm kien ser iqum ix-xogħol kollu, deskritt minnu stess bħala *Refurbishment Works*.

L-intimati jsostnu li Azzopardi issuggerixxa persuni biex possibilment jesegwixxu x-xogholijiet involuti, dejjem pero` bl-approvazzjoni tas-sid. Meta l-appalti gew esegwiti u kien ghad fadal pendenti xi bilanci dovuti lill-haddiema u lil Azzopardi, l-attrici ntalbet li teffettwa dak li kien dovut minnha izda hija baqghet ma hallsitx. Biex jissalvagwardaw l-interessi rispettivi taghhom l-intimati iskrivew privileggi fuq is-somom dovuti lilhom (fil-fehma taghhom). Ir-rikorrenti intavolat il-proceduri odjerni.

***<u>D2. Talba attrici u tahrika kolleggjali:</u>***

Ir-rikorrenti talbet li l-Qorti tiddijara li x-xoghol maghmul mill-intimati Alan Azzopardi, Mario Camilleri, Kevin Camilleri u Simon Felice, sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti, u dan bi ksur ta’ l-obbligi kuntrattwali ta’ l-appalt. Issa, l-intimati jikkontendu li tahrika “kolleggjali” bhal din hija improponibbli ghaliex qeghda takkomuna erba’ (4) appalti distinti u separati flimkien, u daqs li kieku kienu appalt wiehed, meta dan zgur m’huwiex il-kaz.

Il-Qorti tosserva li l-progett seta’ kien:

a) *turnkey project* maghmul ma’ kuntrattur li jaghti diversi *sub-contracts* jew li jqabbad haddiema;

b) il-progett seta’ wkoll kien ma’ kull wiehed mill-haddiema individwalment;

c) izda l-progett ma setax ikun mad-diversi haddiema mhux bhala *turnkey project* izda b’assunzjoni ta’ responsabbilta` solidali bejniethom.

Kif jista’, per ezempju, il-kahhal iwiegeb ghax-xoghol maghmul mill-elettricista jew bil-maqlub? Jekk il-fatti tal-kaz iwasslu ghal dak imsemmi taht “a)” hawn fuq, u cioe` li kien hemm *turnkey project* b’kuntrattur, trid issir il-prova li Alan Azzopardi kien il-kuntrattur, f’liema kaz kien inutli li jigu mharrka l-persuni l-ohra.

Jekk min-naha l-ohra l-fatti tal-kaz iwasslu ghal dak imsemmi taht “b)” hawn fuq, u cioe` li l-progett seta’ wkoll

kien ma' kull wiehed mill-haddiema individwalment, f'dan il-kaz il-kawzi messhom gew intavolati separatament u mhux fil-forma tar-rikors guramentat kif inhu. Dan, ghalhekk, ma jkunx necessarju ghall-Qorti li tghaddi wisq kummenti ohra. Ukoll jinghad li anqas l-istess rikorrenti ma sostniet dan u ma hemmx prova dwaru u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tindaga dwar dan l-aspett.

Jekk min-naha l-ohra l-fatti tal-kaz iwasslu ghal dak imsemmi taht "c)" hawn fuq, u cioe` li l-progett sar mad-diversi haddiema mhux bhala *turnkey project* izda b'assunzjoni ta' responsabbilta` solidali bejniethom, din is-solidarjeta` trid tigi ippruvata, haga li f'ebda mument anqas ir-rikorrenti stess ma ippruvat taghmel, u ghalhekk mill-ewwel il-Qorti qieghedha mill-ewwel tiskarta l-ipotezi "c)".

Dan iwassal ghalhekk li l-ezami tal-Qorti ghandu jkun wiehed biss, u cioe` jekk kienx hemm *turnkey project* b'kuntrattur wiehed biss u cioe` Alan Azzopardi, f'liema kaz l-intimati l-ohra gew imharrka inutilment. Hawn il-Qorti tosserva li sfortunatament minhabba li l-partijiet kollha f'din il-kawza ma ghamlux l-affarijiet kif suppost b'definizzjoni cara tad-doveri, obbligi, responsabbiltajiet u hlasijiet dovuti minnhom jew lilhom, inholqot it-tahwida prezenti u kollha kemm huma ikkontribwew ghal dan l-istat infelici ta' affarijiet b'mod li l-Qorti spiccat trid tindaga u tohrog il-konkluzjonijiet mill-istat neboluz li rnexxielhom joholqu l-partijiet. Kien ikun ferm ahjar li kieku l-partijiet hadu parir legali tajjeb u ifformulaw l-affarijiet b'mod car.

Ir-rikorrenti fil-fatt sostniet li l-*contact person* li innegozjat mieghu kien Alan Azzopardi, u in segwitu stqarret li l-kuntratt sar dejjem strettament biss ma' Alan Azzopardi. Semmiet ukoll li l-kahhal fil-fatt anqas biss jafuh, u li qatt ma ltaqghu ma' haddiema ohra. Dan ikompli jsahhah dak li ntqal fuq li l-intimati l-ohra li l-intimati m'ghandhom ebda rapport mar-rikorrenti, u ghalhekk ebda *locus standi* fil-kawza odjerna bil-konsegwenza logika li ma kellhomx jigu mharrka bil-mod kif fil-fatt sar.

Ikkunsidrat li Alan Azzopardi kien ingaggat bhala *site supervisor* u ko-ordinatur. Jekk bniedem ikun il-kuntrattur fit-*turnkey project*, ma hemmx lok ghal *site supervisor* hlief forsi ghal impjegat ta' l-istess kuntrattur, u ghalhekk dak sostnut mir-rikorrenti li Azzopardi kien kuntrattur ma jsegwix. Jekk wiehed ihares lejn id-diversi kuntratti prezentati, jinhad fihom kollha li Azzopardi jinghata *fee for site supervision for the reproposed refurbishment works*. Certament li ma jaghmilx sens li taghmel kuntratt ta' *turnkey* u wara jkollok thallas tas-*supervision* separatament, ghax se mai dan ikun l-obbligu tal-kuntrattur li jintraprendi l-progett. Ukoll, jekk il-kontijiet tax-xogholijiet li ghaddew minn idejn l-istess Azzopardi huma riferibbli ghad-diversi aspetti ta' xoghol separatament, bhal per ezempju dak a fol 42 sa 46 tal-process, kif jista' jigi spjegat li l-progett huwa wiehed *turnkey*? A fol 42 jissemmew il-*finishing works*. A fol 43 taht l-intestatura Felix Services, hemm ix-xogholijiet ta' *plumbing* u elettriku, a fol 45 taht l-intestatura A A Design hemm imsemmija l-*plastering works* esterni u interni u *gypsum works*. A fol 46 taht l-intestatura Mario Camileri and Mario Camilleri hemm il-kont tat-*tiling works*. Li kienu kien hemm *turnkey project*, l-intestatura kienet tkun wahda u se mai kontijiet maqsumin f'sezzjonijiet diversi. Huwa veru li c-cekkijiet kienu johorgu fuq Alan Azzopardi, u hawnhekk jirrispekkja dak li l-Qorti qalet precedentement li l-partijiet ikkontribwew sewwa ghall-istat neboluz li nholoq.

Sewwa osserva l-konsulent legali ta' l-intimati meta qal:

"Hekk, per ezempju il-kuntratt mmarkat Dok. SF1 (fol.41 et seq. tal-process) maghmul bejn l-attrici ("*the client*") u l-konvenut Alan Azzopardi ("*site-supervisor*") jaghmel <u>distinzjoni netta</u> bejn "*the client*" (l-attrici), is-"*site supervisor*" (il-konvenut Alan Azzopardi) u "*the contractors*" (il-konvenuti l-ohra Mario Camilleri, Kevin Camilleri u Simon Felice). Wara li jippremetti li Alan Azzopardi jithallas "*fee for site supervision for the proposed Refurbishment Works*", dan il-kuntratt in segwitu jghaddi biex jispecifika numru ta' "*Standard Terms and Conditions*", u fosthom dawn li gejjin;

“ - *Before any contractor commences, the client shall sign and approve Contractor’s quote*.
- *The Client shall be solely responsible for the payments to the contractor and any payments to be paid directly by the client to the contractor*.
- *Omissis -*
- *Any additional expenses, which shall be paid for by Mr. Alan Azzopardi, shall be refunded on receipt.*
- *Mr. Alan Azzopardi, undersigned, shall bear no responsibility towards payments or fees to 3rd party”.*

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghalhekk il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici hija improponibbli u ghalhekk tilqa’ t-tieni eccezzjoni ta’ l-intimati.

Minhaba dak li nghad fuq, spejjez, sitt partijiet minn ghaxra (6/10) kontra r-rikorrenti, u parti minn ghaxra kull wiehed (1/10) ghal Alan Azzopardi, Mario Camilleri, Kevin Camilleri u Simon Felice.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------